

**Emenda 27****Proposta għal regolament — att li jemenda****Anness***Regolament (KE) Nru 1698/2005**Anness II — prijorità ġdida***Prijorità — it-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib****Tipi ta' attivitajiet****Miżuri****Effetti potenzjali****Modernizzar u produzzjoni bbażata fuq is-suq****Programm plurijennali għat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib****Tisħiħ tal-kompetittività****Linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (2007-2013) \***

P6\_TA(2008)0552

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) (COM(2008)0306 — C6-0239/2008 — 2008/0106(CNS))**

(2010/C 16 E/38)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0306),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, skont liema Trattat ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0239/2008),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0377/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
  3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

EMENDA

**Emenda 1**

**Proposta għal Deċiżjoni — att li jemenda**

**Anness — punt 2**

*Deċiżjoni 2006/144/KE*

*Anness — taqsima 3 — punt 3.4 a — subparagrafu i)*

i) B'mod partikolari appoġġ għall-investiment skond l-assi 1 jista' jkun immirat lejn makkinarju li jiffranka l-enerġija, l-ilma u input ieħor kif ukoll għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għall-użu fil-farms. Fil-katina tal-ikel agrikolu u fis-settur tal-forestrija appoġġ għall-investiment għandu jgħin biex jiġu żviluppatti modi innovattivi u aktar sostenibbli għall-**ipproċessar tal-bijokarburanti**.

i) B'mod partikolari appoġġ għall-investiment skont l-assi 1 jista' jkun immirat lejn makkinarju li jiffranka l-enerġija, l-ilma u input ieħor kif ukoll għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għall-użu fil-farms. Fil-katina tal-ikel agrikolu u fis-settur tal-forestrija appoġġ għall-investiment għandu jgħin biex jiġu żviluppatti modi innovattivi u aktar sostenibbli għas-**sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra, inklużi l-agrofuwils tat-tieni ġenerazzjoni; b'hekk, jaqbel li jiġi żgurat li l-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel ma tkunx ristretta minħabba dan, u li l-bilanċ tal-enerġija globali tal-impreżi agrikoli kkonċernati jitjieb bhalarizultat**.